MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Numru. 1102/2009

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Kevin Refalo, iben Carmelo, imwieled San Ġiljan fit-3 ta' Awwissu, 1980, Karta ta' l-Identita numru 374180(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-7 ta' Ottubru, 2009 għal ħabta tas-1.00 p.m. u ħinijiet ta' wara waqt li kien fi Triq l-14 ta' Diċembru, 1945, il-Fgura –
1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBN 874, ta' għamla Renault Megane għad-dannu ta' Mrs. Ruby Mary Pace minn Raħal Ġdid, liema ħsara ma tiskorriex €1164.69 imma iżjed minn €116.47;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss li jezerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu, billi mexxa vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBN 874, ta' għamla Renault Megane proprjeta' ta' Mrs. Ruby Mary Pace minn Raħal Ġdid.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bikl-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu, 2010 fejn l-imputat ħallas id-danni lill-parte ċivile. Id-danni kienu ta' €197.81.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-parte ċivile ipparkjat l-vettura hawn fuq indikata wara l-bieb tal-garage ta' l-imputat. Hi kienet fil-kumpanija ta' bintha u rideu jmorr l-iskola jiġbru n-neputija. Ġara li meta għalqu l-vettura u telqu, l-imputat ħareġ mid-dar tiegħu, mar il-garage u ried joħroġ il-karozza tiegħu biex imur ix-xogħol. Dan ma setgħax jagħmlu minħabba li kellhu l-vettura tal-parte ċivile pparkajata quddiem il-garage tiegħu. Għalhekk, hu ddeċida li jkisser il-ħġieġ tat-tieqa tal-karozza biex b'hekk seta' jidħol u jċaqlaq il-vettura.

Illi konsegwenza ta' l-azzjoni tiegħu għamel ħsara ta' €197.81.

Illi hu ġġustifika din il-ħsara bil-fatt li jekk hu ma kienx jasal fil-ħin kien jiġi mkeċċi mix-xogħol dak il-ħin stess.

Illu hu veru li azzjoni ma din il-kwalita' hi ta' stmerrija iżda hu veru wkoll li ma setgħax jipperikola x-xogħol tiegħu. minbarra dan, il-parte ċivile qatt ma kellha tħalli vettura f'post li seta' jkun hu nkonvenjent.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu bl-attenwanti li tali azzjoni kienet skuzabbli. Rat l-artikoli 85(1) u 325(1)(b)u l-ewwel proviso ta' l-istess artikolu. Rat il-fedina penali netta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------